Kif nistgħu ma nfaħħrukx jekk Huwa riedek
Fis-sema, fuq kulħadd, fil-glorja mtallgħa!

Int Bint in-nisel tagħna, o Marija,
U, Bniedma bħalna, int taf xi tħoss din qalbna.
Fil-glorja tiegħek, fl-ikbar ġieħ tas-sema,
Int għadek Ommna: tinsiex tisma' talbna!

"Imbierka fost in-nisa! Imbierka! Imbierka!"
Sejħulek il-ġnus kollha bl-akbar qima.
Kif fil-"Magnificat" ħabbart, Marija,
Tibqa' ħierġa mill-qlub din it-tislima!

## NIFIRĦU

Nifirħu lin-Nutar Dr. V. M. Pellegrini li għall-meriti tiegħu u ħidma tiegħu fil-kamp letterarju f'dawn l-aħħar 25 sena ġie maħtur bħala delegat ta' l-"Unione Poeti e Scrittori Cattolici Italiani" fil-gżira ta' Malta. Fil-waqt li n-Nutar Pellegrini laqa' din in-nomina li ġiet mogħtija lilu u li żżidlu ġieħ ieħor ma' dak li kiseb fil-karriera letterarja tiegħu, huwa jittama li ma jdumx ma jirċievi istruzzjonijiet għall-ammissjoni ta' dawk il-poeti u prożaturi li jkunu jridu jidħlu membri ta' l-imsemmija għaqda letterarja.

Lis-Sur Pellegrini nixtiqulu riżq fix-xogħlijiet letterarji li bihom, nittamaw, jissokta jżejjen l-isem ta' Malta.

## MEMBRI ĠODDA

Patri D. Mintoff, O.F.M.

## ERRATA CORRIGE

Fit-tieni ktieb ta' "Il-Malti", Ġunju 1955 (in-numru ta' qabel dan li għandkom f'idejkom) iridu jsiru dawn it-tiswijiet:

L-ewwel biċċa tal-paġna 62 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 64.

L-ewwel biċċa tal-paġna 63 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 62.

L-ewwel biċċa tal-paġna 64 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 63.



# ĠANNINA

Ta' ANTON AGIUS

*Lil Ħabibi Ġużè Borg Pantalieresco, P.L.*
*b'radd ta' ħajr minn żagħżugħ lil dax-xwejjaħ*
*li fil-kitba tiegħu dejjem fakkar lil għajru fil-fqar.*

BĦAL Ġannina kien, għad u jibqa' jkun hawn sakemm il-bniedem jibqa' li hu.

Ġannina la hi mara, la xbejba u lanqas xi tifla, iżda raġel. Il-lum igħodd bejn il-ħamsa u tletin u l-erbgħin, jew forsi xi ftit fuqhom. Ma nafx sew kemm, iżda hekk jidher li għandu.

In-nies għammditu Ġannina. Laqqmitu hekk għax leħnu baqa' rqiq u meta jitkellem jinstama' bħallikieku xi mara qiegħda tixher. Mixjitu ferrieħa tixbah lil ta' papru u t-tixjira ta' siequ fil-mixi tfakkrek f'żifna kiebja ta' wieħed imherwel. Hawn min tisimgħu jgħid li għandu żegliga ta' xbejba kiesħa u minfuħa biha nnifisha, mixja li għal raġel ma tixraqlux. Għan-nies Ġannina hu tad-daħk.

Minn surtu jġagħlek tħares lejh darbtejn: qsajjar, għoddu qerqni, irqajjaq donnu qasba, idejh aktarx jidhru itwal milli jmisshom ikunu, rasu magħmula kemmxejn kbira għal spalltu, wiċċu ġej ftit imżerżaq għax ix-xedaq maħruġ il barra u ġbinu mdaħħal 'il ġewwa. Billi xagħru dejjem imġiegħed dritt lura, id-dehra ta' rasu tinħass aktar imxaqilba u mgħattna lura. Hofret għajnejh, miġbudin nitfa 'l ġewwa, jaqilgħulu għadmet ħaddejh il barra, u dan jagħtih dehra ta' wiċċ il-mewt. Wiċċu, wiċċ il-għaks u t-tbatija.

Meta jiftaħ fommu, joħroġ leħen qisu ta' mara. Jibda biex ilissen dak li jrid igħid, tisthajjel qed tisma' tnewwiħ u twerżiq imkarkar li ma nafx tistax tisma' minn fomm ta' raġel u bil-kemm il-kemm ta' mara. Ngħid għalija, qajla nqisu leħen ta' mara jew ta' raġel: aktarx jixxiebah ma' ta' barra minn hawn li daqqiet joħroġ minn ġisem magħtur u moħli mill-moħqrija ta' għemil żieni.

Miskin, ma ġab xejn b'idejh, għax minfuq moħħu nieqes. X'ma tixxigħelx in-nies! B'għemilha kiefer aktar tkiddu u tħeffiflu triqtu lejn il-ġenn u qabru.

Leħnu jgħajjatlek tisimgħu. Mhux biss tara x'inhu jgħid,